**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 373/2014*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Duncan Caruana, detentur tal-karta ta' identita` bin-numru 265087M; u**

**Wayne Delia, detentur tal-karta ta' identita` bin-numru 574785M.**

**Illum**: 10 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Duncan Caruana u Wayne Delia, u cioe` talli:

Nhar it-12 ta' Jannar, 2014, ghal habta ta' bejn id-21:15hrs u it-21:30hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Mc Sims Pastizzeria li tinsab fi Triq Ghajn Dwieli, Paola,

1. ikkommettew serq ta' ta' flus kontanti, liema serq sar flimkien ma sekwestru tal-persuna u huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin Euro centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-detriment tas-sidien tal-imsemmi hanut u/jew ta' xi persuna/i u/jew entita` jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Keith Johnson ta' 23 sena kontra l-volonta` tieghu, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu u waqt l-arrest, zamma jew sekwestru Keith Johnson ta' 23 sena gie offiz fuq il-persuna jew mhedded bil-mewt;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Keith Johnson ta' 23 sena f'periklu car, ikkagunawlu griehi ta' natura gravi kif iccertifikat minn Dr. Jean Paul Camilleri mic-Centru Tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni taghhom arma tan-nar minghajr ma kellhom licenza taht l-Att dwar l-Armi;

**Lil Duncan Caruana wahdu akkuzat ukoll talli:**

Nhar it-23 ta' Novembru, 2013, ghal habta ta' bejn is-18:30hrs u s-19:00hrs gewwa Triq Cipru, Naxxar, flimkien ma persuna/i ohra,

6. ikkommetta serq ta' handbag kontinenti fi flus kontanti, dokumenti u / jew oggetti ohra, liema serq sar flimkien ma sekwestru tal-persuna u huwa kkwalifikat bil-vjolenza diretta kontra persuna/i li ghalqu l-età ta' sittin sena u bil-hin, ghad-detriment ta' Emmanuela Micallef ta' 63 sena, Carmel Micallef ta' 66 sena u/jew ta' xi persuna/i ohra;

7. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Emmanuela Micallef ta' 63 sena u Carmel Micallef ta' 66 sena, kontra l-volonta taghhom u waqt l-arrest, zamma jew sekwestru, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom, Emmanuela Micallef ta' 63 sena, Carmel Micallef ta' 66 sena gew offizi fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Emmanuela Micallef ta' 63 sena, Carmel Micallef

ta' 66 sena f'periklu car, ikkagunalhom griehi ta' natura hafifa kif iccertifikat minn Dr. Owen Mifsud mic-Centru Tas-Sahha tal-Mosta;

9. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

10. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar il-15 ta' Frar, 2011, li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 1,500 Euro u garanzija personali ta' 30,000 Euro;

**Lil Wayne Delia wahdu akkuzat ukoll:**

11. talli b'hekk irrenda ruhu ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

12. u aktar talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. datata 9 ta' Ottubru, 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom **Duncan Caruana u Wayne Delia** nghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputati, kif ukoll tordna l-flejjes imposti fuqhom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

Kemm fil-konfront ta' **Duncan Caruana** kif ukoll fil-konfront ta' **Wayne Delia**:

[1] Fol.633-634

(a) Fl-artikoli 261(a), (b), (c), u (f); 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 274(c), 275, 276, 277, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 214, 215 u l-artikolu 221(1) u (2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 55(a) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 5, 51(2) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitol 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 23, 23B, 23C, 31, 383, 384, 385, 386, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' **Duncan Caruana** wahdu:

(h) Fl-artikoli 261(a) u (f), 262, 270, 274(c), 275, 276, 276A, 277(a) u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta;
(k) Fl-artikoli 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' **Wayne Delia** wahdu:

(l) Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

1. Illi fuq talba li saret mill-imputat Caruana fis-26 ta' Novembru, 2018, w in lineja mal-aktar decizjonijiet ricenti f'dak iz-zmien dwar stqarrijiet tal-imputat, mehuda minghajr il-presenza ta' avukat, fl-14 ta' Jannar, 2019, il-Qorti kienet iddikjarat l-istqarrijiet tal-imputat Caruana bhala minghajr forza probatorja.[2]

Ghalkemm, kif tissotometti l-abbli prosekuzzjoni fin-nota taghha, illum il-posizzjoni legali ma ghadhiex wahda li awtomatikament twasslek sabiex tiskarta stqarrija ta' imputat li ma kienx assistit waqt l-interrogatorju, ma jkunx gust li galadarba lahaq gie deciz li l-istqarrijiet ma kellhomx jinghataw valur

[2] Fol.667. Stqarrijiet a fol.26-37

probatorju, din il-posizzjoni tinbiddel w tittiehed decizjoni in lineja mad-decizjonijiet ricenti **Ir-Repubbblika ta' Malta v. Martino Aiello**[3] kif ukoll dik moghtija mill- Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Farrugia v Malta** [4]**.** Dan ghaliex l-imputat lahaq sejjes id-difiza tieghu abbazi wkoll ghad-decizjoni ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar, 2019, u ghaldaqstant, dawk l-istqarrijiet ghandhom jibqghu bla valur probatorju.

2. Gie esebit il-**Proces Verbal Nru.274/2015** li jirrigwarda s-serqa li sehhet fi Triq Ghajn Dwieli, Paola.[5] **Deandra Zerafa** kkonfermat li ma dan il-proces verbal, issiggilati w pprezentati minn PS 859 Hughes,[6] hemm esebit **Dok.IA33/15**, *envelope* kontenenti erba fliexken tal-*plastic* bil-kelma ICE TEA.

3. **L-Ispettur James Grech** spjega kif *"fit-23 ta' Novembru, 2013, ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija irrapurtaw gewwa l-Ghassa tan-Naxxar Emanuela Micallef u Carmel Micallef, illi kienu ghadhom kif ghalqu l-banka tal-lottu bin-numru 170 li qeghda sitwata fil-Kazin tal-Banda Sta. Marija, l-Mosta.....kif waslu d-dar 11, Reeve, Triq Cipru, Naxxar, is-sinjura Emanuela harget mill-karozza sabiex ir-ragel taghha jiftah il-garaxx u jidhol bir-reverse gol-garaxx. Sakemm ir-ragel taghha hareg min gol-karozza biex jiftah il-garaxx u kienu t-tnejn barra mill-vettura, marru fuqhom tnejn min nies b'wicchom mghotti u libsin hoodies u lill Carmel lir-ragel bdew jghidulu 'Tina kollox'. Dawn spiccaw fl-idejn, spiccaw fuq xulxin u l-agressuri irnexxilhom jiehdu l-hand bag tas-sinjura Emanuela Micallef probabbilment ghax hasbu li l-flus tal-banka qeghdin gol-hand bag. Waqt dan il-process is-sinjura Micallef intlaqtet ukoll f'wiccha fejn sofriet xi griehi. Iz-zewg agressuri grew go karozza li kienet ipparkjata fil-kantuniera u x'aktarx li go fiha kien hemm it-tielet persuna qed tistenna kantuniera ma' Triq l-Ingilterra Naxxar u saqu l'isfel. Dak il-hin is-sinjuri Micallef hasbuha li ahjar jmorru wara din il-karozza u fil-fatt grew warajha got-toroq tan-Naxxar u qasmu anke ghal gol Mosta lejn Triq it-Trincetta, l-Mosta, u sakemm qed jigru wara din il-karozza s-sinjura Micallef Emanuela Micallef bdiet tipprova tiehu n-number plate tal-karozza li kienu qed jigru warajha li kienet qed issuq b'velocita' qawwija hafna u rnexxilha tikteb GBI 787. L-investigazzjonijiet tkomplew, jien mort inkellem lis-sur Neville Agius minn fejn kont gbart jien personalment CCTV mir-residenza tieghu 6, Ic-Cens, Triq Indri' Bezzina, Naxxar........ is-sinjura Micallef ikkonfermat li kienet hadet in-number plate hi mill-ahjar li setghat minhabba s-sewqan li kienu qed jsuqu u haditu mill-ahjar li tista GBI 787 pero din irrizultat li kienet peugeot 107 fil-fatt ir-ragel taghha ikkonferma li l-vettura suppost kienet Toyota kif spjega hu min tal-Japan illi l-agent hawn Malta ma jgibhomx il-mudell Toyota Ist ta' kulur car.*

[3] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi; ONOR. Imhallef Giannino Caruana Demajo; ONOR. Imhallef Anthony Ellul. Dec. 27 ta' Marzu, 2020; Rikors numru 38/18AF

[4] Application no. 63041/13; Dec. 4 ta' Gunju, 2019

[5] Fol.334 et seq.

[6] Fol.549

*Sussegwentement rajna l-filmati fejn fil-fatt tidher Toyota Ist ghalkemm in-number plate ma jinqarax.* ***It-Toyota Ist tidher ghaddejja min Triq Indri' Bezzina fil-fatt qed tigi iffolowjata mill-vettura tal-vittmi Emanuela u Carmel Micallef****. Imbaghad urejna r-ritratt lis-sur Carmel Micallef u ikkonferma li kien qed jirreferi ghal dik il-karozza. Kif kont qed nispjega minhabba li n-number plate ma haditux tajjeb is-sinjura GBI 787 kien isejjah Peugeot 107, tkomplew l-investigazzjonijiet fejn fit-12 ta' Jannar 2014 giet irrapurtata hold up min McSims pastizzerija sitwata gewwa Triq Ghajn Dwieli Rahal Gdid. Filfatt kienu anke tkomplew l-investigazzjonijiet fuq dan il-kaz mill-Ispettur Fleri u t-team tieghu, ingabru CCTVs u fil-fatt fil-filmat kienet tidher Toyota Ist.*[7]*..... Sussegwentement lis-sur Fleri irrizultalu li kienet involuta ukoll Toyota Ist minhabba li wara l-kaz tieghi generalment il-karozzi jinharqu u f'dan il-kaz il-karozza ma nharqitx bdejna nissuspettaw li l-vettura involuta kienet fil-fatt tal-owner u mhux misruqa ghal iskop ta' dan is-serq. Min iktar investigazzjoni l-Ispettur Fleri irnexxilu jasal ghan number plate tat-Toyota Ist illi kienet involuta u fil-fatt kien GBI 707. Ha nirreperi ghal kull buon fini n-numru li taghtna s-sinjura Emanuela Micallef sakemm qed jigru wara l-vettura kien GBI 787. Minhabba li hemm differenza ta' numru wiehed biss, is-suspett waqa li kienet l-istess vettura l-istess Toyota Ist GBI 707 li kienet qed tintuza mis-sur Duncan Caruana. Il-vettura GBI 707 irregistrata fuq is-sur Alfred Cunningham u meta dan gie mitkellem dan qalilna li hu z-ziju ta' Francesca illum Caruana l-mara tal-imputat Duncan Caruana u juzawha huma ghalhekk konna morna narrestaw lill-Duncan Caruana mort jien personali u* ***waqt it-tfittxija ittehidlu ukoll il-mobile bin-numru 79237916 u IME number 5240505069507****. Minn hemmhekk saru r-requests lis-service providers u fil-fatt minn iktar investigazzjonijiet irrizulta li dak il-mobile fit-23 ta' Novembru 2013 u cioe` fil-kaz ta serq ta' hand bag minghand is-sinjura Emanuela Micallef u s-sinjur Carmel Micallef gewwa n-Naxxar, kien hemm bosta drabi fejn ir-repeater li jinsab gewwa Triq il-Germanja Naxxar kif ukoll tal-Mosta Rotunda Square qabdu dan il-mobile. Niftakar illi gie arrestat ukoll Wayne Delia pero' Wayne Delia ma jirrizultax li kien involut fis-serqa investigata minni u cioe dik tan-Naxxar tat-23 ta' Novembru 2013 u f'dan ir-rigward kelli biss kontra Duncan Caruana.".*[8]

4. **L-ispettur Fabian Fleri** beda biex spjega kif il-pulizija saret taf bir-rapport fuq il-hanut tal-pastizzi xi 9.30pm. Kif wasslu fuq il-post lemhu lill-impjegat b'qata' fuqu w daqqa fuq ghajnejh ix-xellugija. Ftit qabel ma twettqet is-seqa is-sid kien gabar il-cash flow u halla xi *float* ghall-ghada.[9] Ikompli jirrakonta dak li qalilhom Johnson dwar kif gie aggredit minn ragel twil madwar sitt piedi u tlieta.[10] L-ispettur jaghti harsa lejn l-investigazzjoni kondotta minnu *"l-ghada jiena dahlitli nformazzjoni li certa persuna bl-isem ta' Duncan kien qieghed jippjana, kien il-persuna li ppjana u wettaq din is-serqa. Sa dak iz-zmien, kull ma' kont naf huwa*

[7] Fol.465-466
[8] Fol.466
[9] Fol.499
[10] Fol.500

*l-isem ta' Duncan. Kont ergajt kellimt lil Keith Johnson, il-vittma, biex jispjegali aktar id-dettalji rigward din il-vettura, u qalli li kienet, kif diga spjegajt, Toyota Ist, kellha 4 bibien, hatchback, kellha t-tyres mhux bir-rimmijiet izda bil-hub cups, kienu forma ta' stilla. … qal li l-kulur taghha kien qisu kulur il-minta. Dakinhar stess jiena gejt infurmat mill-Ispettur James Grech li fit-23 ta' Novembru 2013, huwa kellu mugging gewwa Triq ic-Ciklu, n-Naxxar, fuq zewg persuni anzjani, fejn l-istess vettura, bl-istess kulur u bl-istess description kienet involuta. U qal li dak iz-zmien il-vittmi kienu tawh in-numru tar-registrazzjoni GBR-787, izda rrizulta li kien ta' Peugoet …….ghamilt search fuq is-sistema kompjuterizzata taghna, biex nara jekk tezistix vettura Toyota Ist b' dak il-kulur, qrib dak in-numru ta' registrazzjoni li taw lill-Ispettur James Grech u fil-fatt irrizulta li kien hemm vettura GBI-707. Mhux GBI-787. Toyota Ist b' dak il-kulur, kif gie deskritt miz-zewg vittmi taz-zewg reati li ghadni kemm insemmi. U din il-vettura kienet irregistrata fuq certu Alfred Cunningham, …… minhabba f' hekk kien mar l-Ispettur James Grech fuq il-post biex jara jekk jarax din il-vettura u fil-fatt ra din il-vettura u li nnutajna wkoll li anke bhala tyres, kienu kif qalilna s-Sur Keith Johnson, ma' kellhomx rimmijiet izda hub cups ezatt kif spjega hu. Minhabba f' hekk kien intalab mandat ta' arrest fil-konfront tas-Sur Alfred Cunningham[11] …….dan mal-ewwel qalilna li lest li jikkopera u qalilna li din il-vettura ma' juzahiex hu, izda tuzaha n-neputija tieghu certa Francesca Darmanin, ….. sibna lil Francesca Darmanin id-dar, illum Francesca Darmanin hija Francesca Caruana, l-mara tal-imputat Duncan Caruana. Hi qaltilna li dak il-hin kien qieghed bil-vettura barra s-Sur Duncan Caruana. Fil-fatt lil dan cempilnielu u* ***gie mal-ewwel id-dar b' din il-vettura****. …….Dak iz-zmien is-Sur* ***Duncan Caruana kien qed juza mobile number 79237196, li dan mal-ewwel gie ssekwestrat*** *mill-Pulizija ghal investigazzjoni".*[12]

5. Investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija wrew kif Caruana sa mill-10:15am kien fl-akkwati tal-pastizzeria. Esebixxa hames *stills* mehuda mill-*footage* ta' bakery fejn jidher jinqeda Caruana[13] u *footage* minghand *car dealer* sitwat aktar l-isfel mill-pastizzeria fi Triq Ghajn Dwieli.[14] F'dan il-filmat il-puluzija osservat it-Toyota Ist, li wara li giet rilaxxata mill-Qorti kienet inhakkmet minn nirien, ghaddejja fi triq kemm filghodu kif ukoll ftit minuti wara li sari l-*hold up*.[15] In kontro-ezami jindika li l-aggressur ma setghax kien Caruana ghax kien maghruf mal-pulizija u l-istatura kif deskritta mill-vittma ma qablitx. Kienu investigazzjonijiet li wrew li Delia kien rikeb fit-Toyota Ist.[16] In kontro-ezami jikkonferma li kien biss in segwitu ghall-investigazzjonijiet kondotti mill-ispettur Grech li rrizultat il-vettura registrata lil Cunnigham. In-numru li l-anzjani derubati taw lill-ispettur Grech kienet ta' Peugot izda meta raw il-

[11] Fol.500
[12] Fol.501
[13] **Dok.FFZ** a fol. 508
[14] **Dok.FFZ1** a fol.509
[15] Fol.503
[16] Fol.665

filmati w indunaw li l-vettura kienet Toyota Ist, bdew ifittxu *number plate* li javvicina dak moghti lilhom mill-koppja[17] li mill-bidu nett sahhqu li kienet Toyota Ist.[18] Izid, *"Meta morna ghand is-Sur Cunningham, minhabba biex niccekjaw din il-vettura, s-Sur Cunningham kien qalilna li din il-vettura allavolja registrata fuqu tintuza biss minnu, mit-tifla tieghu u llum, dak iz-zmien kien ghadu l-partner taghha li huwa l-imputat, il-klijent tieghek, Duncan Caruana. Mela Duncan Caruana meta ahna staqsejnieh fejnha l-vettura dak il-hin, is-Sur Cunningham kien qalilna li kienet fil-pussess ta' Duncan Caruana, filfatt* ***cempilnilu u gie biha hu stess d-dar****"*[19].

<u>Serqa fuq il-Koppja Micallef: Imputazzjoni fi-konfront ta' Caruana wahdu</u>

6. **Carmel Micallef** xehed li kien safa vittma ta' hold up f'Novembru, 2013. Hu kellu banka tal-lottu quddiem il-knisja tal-Mosta. Fuqu w fuq martu sar *hold-up* minn tnejn minn nies: *"Wiehed naqra fih daqsi, rqiq u l-iehor iqsar…..kienu bil-barnuza u bil-beritta fid-dlam"*[20]. Jispjega kif ghalaq il-banka w kif wasal id-dar fi Triq ic-Cipru, Naxxar, meta x'hin kien qed idahhal il-karozza b'lura, *"kienu telghin tnejn u jien tawni naqra f'ghajni u jien waqaft hux u wiehed minnhom giq fuqi…kif ser jgholli idejh qbizt fuqu…xi 7.30pm…. kien dalam"*. Sofra daqqiet f'idejh u gharkupptejh x'hin waqaw mal-art.[21]

Micallef ikompli li x'hin il-hallelin telqu jigru, dahal fil-karozza u telaq ghal warajhom. Minn Naxxar niezlu ghal Mosta, imbghad dahlu fl-*estate* tal-Gvern fejn kien id-dlam u b'hekk zamm lura. Mieghu fil-vettura kien hemm martu.[22] Il-vettura li wzaw il-malviventi kienet **Toyota Ist**, il-kulur fid-dlam <u>deher metallic grey; zgur li metallic</u>.[23] Muri ritratti tal-vettura minn *cctv camera*[24], **Dok.JG10**, **jiddentifika bhala l-vettura tal-malviventi**, ghaliex jishaq li jidher jigri warajha.[25] <u>Il-Qorti tosserva li mir-ritratti esebiti kull ma tidher hi vettura li tixbah hafna Toyota Ist u l-ebda vettura ohra.</u> Issemmi li n-numru tal-vettura li segwa kien xi 787 izda martu kienet kitbitu ghax hu kien qed isuq.[26]

7. **Emanuela Micallef** tixhed kif fit-23 ta' Novembru, 2013, kif hargu mill-vettura hi w zewgha, gew tnejn mghammda fuqhom.[27] Tikkalkula li wiehed

---

[17] Fol.681
[18] Fol.682
[19] Fol.691
[20] Fol.53-54
[21] Fol.55
[22] Fol.56
[23] Fol.57
[24] **Dok.JG10** a fol.45
[25] Fol.57-58
[26] Fol.57
[27] Fol.60

kien tat-tul tal-imputat Delia, *"Jien wiehed deciza li kien dik l-istatura"*.[28] Li talbuha tathom. Kif hallew il-post marru ghal warajhom *"u domna nigru warajhom"*.[29] Din il-frazi ahharija tassumi rilevanza meta jigu kkunsidrati l-*call profile* ghan-numru wzat mill-imputat Caruana.

Il-vettura li wzaw kienet **Toyota Ist GBI 787**. Rat zewg persuni fuq wara ghaliex lemhithom innehhu dak li kellhom liebes f'rashom; iehor kien qed isuq. B'hekk ikkonfermat li kienu qed issegwu l-vettura li kienet intuzat mill-malviventi.[30] Damu jsegwuhom izda x'hin ghaddew minn triq mudlama ddecidew ma jibqghux issegwuhom u marru l-ghassa tan-Naxxar jaghmlu rapport.[31] Dahhlu fejn hemm id-dar tal-anzjani fil-mosta, u kien hemm li l-koppja Micallef hargu minnha kontra s-sinjal tal-*one way*.[32]

Insterqilha *hand-bag* u *shopping bag*. Sabet nieqsa *walking shoes* €45-€50, *handbag* li jiswa xi €40, il-kartiera b'xi €100 flus kontanti u xi €100 jew ftit anqas oggetti ohra. Il-gurnata li fiha gew aggrediti kien is-Sibt.[33] Soffriet grehi meta l-malvivent laqatha u ghamilha farrett f'ghajnejha ghax kienet liebsa nuccali. Baqghet bit-*trauma* u xokk.[34]

8. **Dr. Owen Mifsud** ikkonferma li kien ezamina lill-koppja Micallef u dwarhom hareg certifikati medici.[35]

9. L-ispettur Grech esebixxa zewg certifikati tat-twelid li jappartjenu lil Carmel u Emanuela Micallef.[36] Jirrizulta ghalhekk li fil-jum tas-serqa dawn kellhom 65 sena u 63 sena rispettivament.

10**. Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta jixhed li n-numru GBI787 jappartjeni ghall-vettura Peugot 107 griza registrata fuq Mariella Caruana; kienet ilha registrata mill-14 t'Awissu, 2009.[37] **In-numru GBI-707 hu registrat fuq Toyota Ist blu sa minn Frar 2013 fuq Alfred Cunningham**. Mit-Toyota Ist kollha, hi wahda li gib in-numru jibda GBI u din hi din li ssemmiet u ohra GBI969 bajda li ilha registrata fuq Francis Fenech sa minn Awissu 2009.[38]

---

[28] Fol.61
[29] Ibid.
[30] Fol.62
[31] Fol.62-63
[32] Fol.63
[33] Fol.65
[34] Fol.66
[35] Fol.126-127. Certifikati **Dok.JG7** u **Dok.JG8** a fol.42-43
[36] **DokA** u **Dok.B** a fol.129-130
[37] Fol.69
[38] Fol.70. Vide dokumentazzjoni relattiva, **Dok.SC**, a fol.78-

11. **Albert Cunningham** xehed li l-vettura Toyota Ist bin-numru GBI707 ghalkemm registrata fuqu kienet **tintuza minn neputija tieghu Frangiska Darmanin** mindu nxtrat madwar sentejn qabel.[39]Gharaf lil Duncan **Caruana bhala l-*partner* tan-neputija tieghu Frangiska Darmanin.**

Ghalkemm gew prezentati zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat Duncan Caruana, mill-verbal tas-seduta tat-28 t'April, 2015[40] ma jirrizultax minn ipprezenta l-istess. Fihom jirrizultaw il-konnotati tal-imputat Caruana.[41]

12. **Anthony Bonnici** in rapprezentanza ta' Go Mobile, pprezenta l-*call profile* u *localization data*[42] ghall-*call number* 79237196.[43] **Dr. Stephen Farrugia Sacco** esebixxa r-relazzjoni tieghu[44] dwar il-kontenut ta' *mobile devices* u *localization details* relattivi ghal cellulari esebit mill-ispettur Fleri.[45]

Mix-xhieda tal-Ispettur Grech, jirrizulta li dan ic-cellulari gie elevat minnu wara tfittxija li saret fuq l-imputat Caruana.[46]

<u>Serqa minn McSims</u>

13. **Keith Johnson** xehed li jahdem mal-McSims Pastizzeria fi Triq Ghajn Dwieli, Paola. Fit-12 ta' Jannar, 2014 *"Ghall-habta tad-9.15 ghaddiet karozza Toyota, waqfet quddiem il-hanut u baqghet sejra. Imbghad ftit hin wara nnutajt din il-karozza terga tieqaf quddiem il-hanut bil-mod....... Kienet* ***Toyota Ist kulur blu fl-ahdar*** *qisu skur ghax jien dakinhar rajtha fid-dlam u kumbinazzjoni kellna l-bozoz ta' barra maqtughin u jien rajtha skura.* ***Il-hub cups kienu b'hamsa. Dak li naf u kienet 4 door****.*[47]*..... l-vettura meta waqfet qabel naf li kien hemm zewg persuni fiha u meta giet lura kien hemm persuna wahda, bdiet gejja mill-genb u jien ma lhaqtx rajtha kollha, rajtha nofsha*[48]*......fil-vettura kien hemm persuna ohra, kienet qed tinstaq minn persuna ohra..... il-persuna gie bil-pass. ma rajtux hiereg minn gol-karozza".*[49]

---

39 Fol.100-102
40 Fol.217
41 **Dok.A** u **Dok.B** a fol.218-222
42 **Dok.AB** a fol.287-317
43 Xhieda a fol. 285-286
44 Xhieda a fol.424-425. Relazzjoni **Dok.DFS** a fol. 223-269
45 Vide Verbal a fol.99; kopja tieghu a fol.228
46 Fol.466
47 Fol.47
48 Fol.48
49 Fol.49

Jispjega kif f'daqqa wahda x'hin kien hdejn id-*display* tal-pastizzi *"gie persuna wicc imb'wicc mieghi mghammad…qlajt daqqa ta' pistola. Waqajt mal-art gharkubtejja…gie bil-pistola ma wicci u qalli oqghod hemm ghax naghtihielek"*.[50] Jghid li kien twil daqsu u meta l-Qorti talbet lix-xhud imur hdejn l-imputati, osservat li hu **tal-istess daqs mit-tul tal-imputat Delia**.[51] Insterqu €172 u €110. Ikompli li *"Qlajt daqqa ta' pistola fuq ghajnejja"*. Minn dahal fil-hanut gie bil-pass, ma rahx hiereg mill-vettura. Kellu pistola zghira sewda.[52] Kien mghammad u liebes *hoodie* hadra; ghajnejh biss dehru.[53] *A tempo vergine* Johnson kien semma' kif l-aggressur kien twil aktar minn sitt piedi, bi statura mibnija; kien liebes skufja jew kalzetta hadra ma wiccu u kellu l-igwanti f'idejh.[54] Fil-mori tal-inkjesta Johnson kienet ittihdietlu dikjarazzjoni mill-espert Dr. Joseph Arrigo.[55]

14. **Dr. Joseph Arrigo**[56] jiddeskrivi fejn hu sitwat il-hanut derubat u cioe` fi triq ghajn Dwieli, it-triq li taghti ghal Kottonera fin-nizla tal-ex dry Docks. Biswit il-hanut hemm *show room* tal-karozzi.[57]

15. **Dr. Jean Paul Camilleri** jixhed kif ezamina lil Keith Johnson ghall-habta tal-10.30pm. Kellu ferita ta' 1-2cm fuq in-naha l-leminija ta' mohhu. Ohra ta' 1cm fuq ir-*right thumb*. Peress li l-griehi kienu fuq il-wicc ikklasifikahom bhala **gravi**.[58] Id-daqqa probbabli thalli cikatrici u kienet *"under the hairline, above the eyebrow"*.[59]

16. **PS1184 Patrick Grech**, *scene of crime officer*, gie nfurmat sabiex imur fuq il-post ghall-habta tad-9.30pm. Hemmhekk ghamel ezamijiet ghall-impronti digitali. Rizultat tat-tfittxija jew misjuba xi marki li gew elevati w ddokumentati[60] Dan jirrizulta wkoll mir-rapport tieghu:[61]

> 14 ACY 301 marki ta' ngwanti misjuba fuq mera ta' gewwa ta' vettura Toyota Ist GBI707;
> 14ACY 301A Ritratt B&W tal-lifter relattiv 14 ACY 301

---

[50] Fol.46-47
[51] Fol.50
[52] Fol.49
[53] Fol.50
[54] Fol.342. Vide xhieda moghtija lill-espert tekniku a fol.493-493A
[55] Fol.489 et seq. Dr. Arrigo halef ir-rapport tieghu fis-17 ta' Jannar, 2018 a fol. 511
[56] Dr. Arrigo halef ir-rapport tieghu fis-17 ta' Jannar, 2018 a fol. 511
[57] Fol.491-492
[58] Fol.152-153
[59] Fol.154. Certifikat **Dok.JBC** a fol.156
[60] Fol.346
[61] Fol.348 et seq.

Minn gewwa l-istess vettura nstabu xi flixkien tal-*ice tea*, wiehed fuq il-*console* bejn il-*front seats* (14 ACY 201), iehor fuq it-tapit ta' wara flimkien ma pakkett lubretti kbir (14 ACY 202) u zewg fliexken ohra minn fuq it-tapit ta' wara n-naha tal-lemin (14 ACY 203).[62] Dawn gew mghoddija lil PS659 Jeffrey Hughes ghall-ezamijiet ta' impronti digitali.

16. **PS659 Jeffrey Hughes** xehed u pprezenta kopja tar-rapport tieghu.[63] Fih hemm deskritt ezatt minn fejn ittiehdu *swabs* minn fuq flixken ta' *ice tea peach* li nstabu minn PS1184 Patrick Grech. Minn fuq flixkun mmarkat 14 ACY 201 gew elevati zewg impronti digitali. Fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti, kien ikkonsenja l-iswabs kollha msemmija fir-rapport minn tieghu lil Dr. Marisa Cassar.[64]

17. **Dr. Marisa Casssar** giet mahtura biex tanalizza ghad DNA kampjuni misjuba fuq l-oggetti li nstabu fil-vettura, mad-DNA tal-imputati. Fir-rapport[65] minn taghha tikkonkludi li minn kampjuni li tiiehdu fuq il-flixken li nstabu u precizament minn ma l-ghonq tal-flixkun minn gewwa u minn mal-ghonq ta' flixkun minn barra li jigi taht it-tapp, instabu il-**profili idenetici tal-imputati Caruana w Delia.[66]**

18. Relazzjoni ohra hija dik ta' **PS74 Mark A. Chetcuti**.[67] Xehed li mal-wassla fuq il-post xi 10:30pm, sabu d-*display* tal-hanut mkissra; bejna u l-koxxa tal-bieb kien dejjaq hafna.[68] Ir-ritratti fir-rapport tas-Surgent Chetcuti jaghtu stampa tal-post li fih gie aggredit Johnson; jidher il-hgieg tad-*display* mkisser mal-art fuq il-bankina u taqlib; il-*cash register* tidher vojta.[69]

L-istess surgent esebixxa faxxikolu ritratti ta' Toyota Ist GBI 707 fil-hin li din kienet mizmuma fis-CID yard.[70] F'dawn ir-ritratti jidhru cjar il-flixken tal-ICE Tea li jissemmew li gew elevati w ezaminati mill-esperti mahtura fl-inkjesta.

19. Il-Qorti tinnota[71] li l-vettura ma ghandhiex rimmijiet, l-*hub cups* huma ta' hamsa, propju kif ddeskriva l-vettura li ra Johnson meta jsemmi li **l-vettura**

[62] Fol.350-351
[63] Fol.473. Rapport **Dok.JHZ**
[64] Fol.480
[65] Dok.MC a fol.383 et seq
[66] Fol.387
[67] Fol.356 et seq
[68] Fol.355
[69] Fol.365
[70] **Dok.MAC** a fol.561 et seq.
[71] Fol.563

**kienet Toyota ma kellhiex rimmijiet izda l-hub cups kienu b'hamsa u 4-door**.[72] Semma kif peress li ma kienx hemm dawl barra, dehret skura.[73]

20. **Dr. Martin Bajada** ghamel estratti minn *cctv cameras* mehuda minn NICA Ltd. (petrol station) u Malta Car Trade.[74] Huma l-filmati minn dan l-ahhar ta' stabbiliment li l-aktar ghandhom rilevanza kif jintwera anke mir-relazzjoni ta' P.L. Quentin Tanti.

21. **Quentin Tanti** nghata l-inkarigu jezamina jekk il-vettura ffotografata fil-kustodja tal-pulizija tidhirx f'xi filmat esebit.

Mill-filmati mehuda mill Malta Car Trade, fi Triq Ghajn Dwieli, aktar l-isfel mill-hanut McSims,[75] Tanti kkonkluda li **karozza b'karatteristici tipici ta' Toyota Ist tidher fil-hinijiet ta' 21:16:24, 21:16:25** tiela' t-triq fil-karreggata opposta ghall-*camera*.[76] F'filmat iehor karozza bil-karatteristici ta' Toyota Ist tihder tiela' l-fuq fil-karreggata opposta ghall-camera **fil 21:16:27.**[77] Toyota ta' dan il-mudell tigi impurtata mill-Gapan.[78] Id-direzzjoni li tiehu il-vettura hi fid-direzzjoni tal-Fgura/ tar-round about fejn il-moskea. Ezatt kif kien iddeskriva Johnson meta

In kontro-ezami jixhed *"jien hadt hsieb li nalanizzahom [filmati] nahseb rajtu hamsin darba, dak il-filmat, nirriwandja nerga nara u nerga nirriwandja u nerga nara u tul it-tul kollu tal-filmat u qed nitkellmu ghax hemm varji filmati minn cameras differenti pero' qed nispecifika fuq il-footage DVR 01 20140112203000 illi huwa ta' camera partikolari li qed taghti fuq angolu. Li stajt nghid, miniex qed nghid dik hija l-vettura li tidher fir-ritratti tal-Pulizija tas-SOHO [recte: SOCO], qed nghid huwa u* ***lanqas qed nghid dik hija Toyota Ist ta' xi kulur, li qed nghid huwa li f'parti tal-film, il-hinijiet indikati bejn 21.16 u t-24 seconds u 21.16 – 25 seconds tidher karozza b'dawk il-karatteristici...... qed nghid tidher vettura b'punti karatteristici simili ghat-Toyota Ist.*** *Jien ghamilt ezercizzju komparattiv u fir-rapport ta' qabel* ***iddettaljat x'inhu l-punti karatteristici, il-linji, it-twieqi li jduru ghal wara, kif inhuma t-twieqi kollha ta' wara, l-bumper fejn qieghed in-number plate****…… It-Toyota Ist, jien li nista' nikkonfema hija li* ***t-Toyota Ist ma hijiex xi shape generiku hafna, hija pjuttost partikolari,*** *jigifieri jekk fis-suq hawn karozzi simili taghha, ghandi nghid li skarsament hawn, mhux xi Fiat Punto, mhux xi Daewoo Matiz, mhux xi Volkswagen Golf, fejn il-Golf hija simili tal-Polo allura tista' facilment*

---

[72] Fol.47
[73] Fol.47
[74] Fol.372
[75] **Dok.MB1** a fol.374
[76] Footage **DVR_0_1_2014**********  jinsab esebit bhala **Dok.MB1** a fol.374
[77] Footage **DVR_0_3_2014**********
[78] Fol.645

*titfixxkel, **it-Toyota Ist ghandha karatteristici pjuttost originali** biex nghidlek hekk."*[79] Jigi mistqosi dwar il-karatteristici li jirreferi ghalihom u jispjega li dawn elenkahom fir-rapport minn tieghu. Fil-fatt jelenka l-hekk imsejjha ***"karatteristici simili (f'dak li huma : forma tal-fanali tad-dawl, fetha tax-xibka, fetha fil-parti t'isfel tal-bumper ta' quddiem, toqob tal-fog lights, wheel arches ta' quddiem u ta' wara, il-pumi tal-bibien u disin tat-twieqi)."***[80]

Fir-rapport tieghu jispecifika li r-ritratti f' **DOK.MAC** huma ta' Toyota Ist tal-ewwel generazzjoni (code XP60), manifatturata u mpoggijha fis-suq bejn l-2002 -2007.[81] Mid-dokumentazzjoni sebita minn Transport Malta jirrizulta fil-fatt li din il-karozza ghandha sena ta' manifattura tal-2004.[82] B'hekk jirrizulta li l-vettura esebita hi wahda manifatturata fis-snin indikati mill-abbli espert Tanti.

22. **Joseph Mallia** espert fuq l-impronti digitali, xehed li wara li ghamel ezamijiet fuq lifter li nstab fuq *rear-view mirror* tal-vettura bin-numru GBI 707, irrizulta li dan ma kienx marka t'improta digitali izda setghu kienu kompatibbli ma marki tas-suf jew tad-drapp.[83] Impronti ohra misjuba fuq din il-mera ma kienux tajbin ghall-komparazzjoni.[84]

Jigi mfakkar li Johnson xehed li l-aggressur tieghu kien liebes ingwanti.

[79] Fol.670-671
[80] Fol.658
[81] Fol.650
[82] Fol.83
[83] Fol.513
[84] Fol.513

**Gurispridenza**

23. Issa li gew kkunsidrati l-provi jmiss li ssir riferenza ghat-taghlim gurisprudenzjali dwar il-forza probatorja ta' provi indizzjarji.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Eleno sive Lino Bezzina** gie deciz:[85]

> Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **"Pulizija vs Bugeja",** tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.
>
> Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.
>
> Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Pulizija vs Peter Ebejer"** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-
>
> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***"Miller v. Minister of Pensions"*** *[1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Lela Ristic,**[86] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ezami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif ahjar maghrufa *'circumstantial evidence'*:

---

[85] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deciza 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuza Numru 10/1994
[86] Per Onor. Magistrat Aaron M. Bugeja; Deciza 16 ta' Dicembru, 2015

At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et***[87] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

> Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.
>
> Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li **huma univoci**.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li **provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.**
>
> Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li **kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih** u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra **kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu**.
>
> Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."
>
> Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> **Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:
>
> "Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the

[87] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deciza 19.05.2014; **Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.**

inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja..... .

........................[88]

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (*if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another*);
(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;
(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*);
(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;
(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.

Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense

[88] [Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta....

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**':

"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one." Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".]

that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's **Criminal Practice,**[89] Lord Simon in **DPP v Kilbourne**[90] stated the following : -

> The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter ...'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[91]

On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in **Il-Pulizija vs James Abela,**[92] a presumption of fact :-

> "tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." .....
> [emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**:[93]

> Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstantial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*
>
> U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'* [***Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda*** *App Krim – 24/04/2002]."*
>
> Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi

[89] 2013, F1.18 to F1.27

[90] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.

[91] Ara wkoll **Exall (1866)** 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.

[92] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 11 ta' Lulju, 2002.

[93] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deciza 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

> jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** [94] ddecidiet:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda <u>assolutament univoka</u>, <u>li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda</u> ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, <u>irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha</u>, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti][95]

24. **Ir-Rizultanzi Processwali**

1. Carmel Micallef identifika l-vettura li tidher fl-*stills* bhala dik li segwa u li fiha kienu riekbin l-malviventi. [96] Martu imbghad issemmi kif dawn dahlu fuq wara fejn nezaw li kellhom f'rashom. [97]

Ghalkemm Carmel Micallef idenitifika l-vettura minn *still* mehud fid-dlam, il-koppja Micallef, kif ukoll Keith Johnson, baqaw <u>ma ntalbux jiddentifikaw</u> il-vettura li giet ffotgrafata mis-*scene of crime officer*, liema ritratti huma esebiti f' **Dok. MAC**..[98]

2. Madanakollu l-Qorti ma ghandhiex dubbju li **l-vettura li giet segwita w identifikata mill-koppja Micallef kienet tabilhaqq it-Toyota Ist GBI-707**; wara kollox kienu huma li baqghu issegwuha u hadu l-gran parti tan-*number plate.* Lanqas ma hemm dubbju li din kienet tintuza minn Caruana, tant li **kien hu li mar fuq il-post biha meta cemplulu l-Pulizija**.

---

[94] Per Onor Imhallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deciza 5 ta' Lulju, 2002.

[95] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubbblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deciza 15 ta' Mejju, 1990: L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci.**

[96] **Dok.JG10** a fol.45

[97] Fol.62

[98] Fol.562 et seq

**L-aggressjoni w s-serqa għad-detriment tal-koppja Micallef twettqet minn malviventi li għamlu użu minn din il-vettura**, vettura li bla dubbju kien jagħmel użu minnha Duncan Caruana .

3. Għalkemm hu ferm probabbli li fil-ħinijiet tal-aggressjonijiet rispettivi, kien l-imputat Caruana u mhux it-tfajla tiegħu, li kien qed jagħmel użu minn din il-vettura, il-Qorti ma tistgħax tistrieħ fuq mera spekulazzjoni iżda fuq provi konkreti w univoċi, li jippuntaw lejn Caruana u Caruana biss. Tali provi huma nieqsa.

(i). L-abbli prosekuzzjoni tislet konflitt bejn dak li stqarr mal-pulizija Caruana, u dak li rriżulta mill-*localization data*. Iżda kif intqal fil-bidu nett, l-istqarrijiet ta' Caruana ma ngħatawx valur probatorju w għalhekk il-Qorti hi prekluża milli tikkonferma l-eżistenza ta' dawn l-inkonsistenzi w tislet il-konkluzzjonijiet tagħha fil-kumpless tal-provi miġbura.

(ii). Partikolarment mankanti mill-process hija xi affermazzjoni, permezz ta' provi ammissibbli, li kien biss l-imputat Caruana li jagħmel użu mill-vettura u ħadd iżjed. Magħdud ma dan hemm il-fatt li l-aggressjoni fuq il-koppja Micallef seħħet f' Novembru, 2013, u l-karozza ġiet identifikata mill-pulizija f'Jannar 2014. Prova li sa minn Novembru, 2013, Caruana kien qed jagħmel użu esklussiv mill-vettura hi nieqsa.

(iii). Jiġi mfakkar li mankanti hemm ukoll ix-xhieda ta' Francesca Darmanin, li fiż-żmien l-akkadut kienet it-tfajla tal-imputat Caruana, u li kienet xhud importanti in kwantu biex jinxteħet dawl dwar minn kien effettivament jagħmel użu mill-vettura. Peress li matul il-proċeduri din iżżewġet lil Caruana, sab applikazzjoni l-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali fejn b'konsegwenza hi ma setgħetx tixhed fil-konfront ta' dak li sar żewġha.

4. Mid-data provduta minn Go jirriżulta illi fit-23 ta' Novembru, 2013, il-*call number* ta' Caruana kien fl-akkwati tal-Mosta bejn il-17:55 - 18:31.

Il-prosekuzzjoni fin-nota minn tagħha, tattribwixxi importanza għall-fatt li mill-*localization data* tal-*call number* ta' Caruana jirriżulta li dak in-numru kien ilu fl-akkwati tal-Mosta u n-Naxxar sa minn qabel nofsinhar tal-jum li ġew aggrediti l-koppja Micallef. Tissottometti li dan hu eżempju ta' *scouting* mill-imputat, tant li meta l-*call number* jinqabad minn *repeater/cell tower* ft Triq il-Ġermanja, dan kien – skond il-prosekuzzjoni – fil-ħin li "*Carmel Micallef imur jipprepara xi ħaġa tal-ikel id-dar in-Naxxar għall-ħabta ta' nofsinhar*".[99]

[99] Fol.719

(i). Jinghad fl-ewwel lok li ma saritx prova dwar kemm Triq il-Germanja hi distanti minn Triq Cipru, u jekk din l-ahhar triq tinqabadax mir-*repeater* fi Triq il-Germanja.

(ii). Il-Qorti tirrileva wkoll li Carmel Micallef ma jghid xejn x'hin mar id-dar jipprepara l-ikel[100] biex l-Qorti tkompli tiddetermina jekk fil-hin in kwistjoni Caruana kienx fil-qrib. Hi biss Emanuela Micallef li tixhed mhux x'gara fil-jum tal-aggressjoni sofferta izda dak li normalment jigri fi granet tas-Sibt:

*"Pros : Spjega lill-Qorti s-sibt ghalfejn gurnata partikolari u kif generalment tqattghuha minn filghodu sa filghaxija*

*Xhud : Jien is-Sibt nqum kmieni. Fis-6.00am niftah il-banka tal-lottu u l-gurnata tas-Sibt jkun hemm il-lottu u jkun hemm il-loghob tal-futbol u tkun l-aqwa guranta taghna bhal ma tkun l-Erbgha. Jien ma nohrogx mill-banka qabel is-6.15am. ir-ragel jigi mieghi iwassalni u joqghod hemm hekk u imbghad qisu ghal xil-11.00am jmur jipprepara xi haga tal-ikel u jerga jinzel inizzilli xi haga tal-ikel. Jerga jitla normalment u imbghad jerga jigi jippikkjani ghal xis-6.00pm. Il-bicca l-kbira hekk isir"*[101]

(iii). Fit-tielet lok, ma tressqet l-ebda evidenza biex turi liema *cell towers/repeaters* kellhom *coverage ranges* li jkopru l-banka tal-lottu ghalkemm ftit hemm dubbju li s-*cell towers* elenkati huma lkoll fl-akkwati tal-knisja tal-Mosta li quddiemha Carmel Micallef isemmi li ghandu l-banka. [102]

(iv). Ghalkemm hu minnu li l-*call number* tal-imputat Caruana jirrizulta li kien fl-akkwati tal-Mosta bejn is-**17:55** u **18:31**, il-*localization data* esebita turi li fil-hin tas-7.30pm, [103] hin indikat minn Carmel Micallef bhala l-hin tal-aggressjoni, bejn il-hinijiet tas-**19.10 sat-20:12:13**, il-*call number* 79237196 inqabad minn *cell towers* Paola[104] u Tarxien[105]

*Multo magis* dawn il-hinijiet jiskontraw mal-kwadru deskritt minn Emanuela Micallef li issemmi li **damu** jsegwu l-vettura. Fil-fatt (u meta zewgha jsemmi li l-hin tal-aggressjoni kienu s-7.30pm), il-*localization data* ghall-hinijiet bejn 18:49-19:45 tpoggihom Santa Venera, Imriehel u Tarxien.[106]

[100] Vide Xhieda a fol.52-58
[101] Fol.65-66
[102] Fol.53: *"Quddiem il-Knisja".*
[103] Fol.55
[104] Fol.289-290
[105] 301-302
[106] Fol.310-311

(v). Imbghad fattur iehor li jimmilita kontra s-sejbien ta' htija ta' Caruana, hu l-fatt li waqt li l-imputazzjoni turi li l-aggressjoni msemmija sehhet fil-hin **bejn is-18:30-19:00hrs**, mill-*localization data* ta' *'terminating sms by dialled numbers'* u cioe` **sms** mibghut minn fuq il-*call number* ta' Caruana fejn ghalhekk il-**kuntatt hu istantju** - turi li fis-18:51 inqabad minn *cell tower* f'B'Kara u 19:10 f'Ghajn Dwieli, Paola.[107] Ghaldaqstant hu minnu li filwaqt li fil-18:31 telefonati maghmulha minn fuq dak il-*call number* ipogguh fil-Mosta, sa kwarta wara, hin li suppost fih kienet qed issir l-agressjoni, hu kien qed jigi segwit mill-koppja Micallef, fil-18:49 jinqabad minn *cell tower* f' Santa Venera.[108]

Dwar il-hin, l-Ispettur Grech issemmi kif kien ghall-habta tas-7pm li sar r-rapport mill-koppja Micallef.[109] Dan jibda jqerreb aktar lejn it-tezi tal-prosekuzzjoni meta tishaq li l-*localization data* turi kif Caruana kien fl-akkwati. Madanakollu l-Current Incident Report li permezz tieghu seta' jigi kkonfermat il-hin li sar r-rapport l-ghassa tan-Naxxar, u konsegwentement bejn wiehed u iehor, il-hin tal-aggressjoni, baqa' ma giex esebit u b'hekk ix-xhieda tal-abbli spettur tibqa *hearsay.* L-unika evidenza ammissibbli dwar il-hin tal-aggressjoni tibqa' dik ta' Carmel Micallef li jsemmi li kienu ghal xi 7.30pm meta wasslu d-dar u fuqhom sehhet is-serqa, *"Kienu xi-7.30pm".*[110]

Hu minnu li kull ma *localization data* tista' tipprova hu biss fejn ikun **inqabad** ***device/call number*** **partikolari w mhux necessarjament l-utent tieghu**! Ma tkunx l-ewwel darba li malvivent jghaddi d-*device* tieghu lil persuna ohra bil-ghan li jbiegehed is-suspett minn fuqu. Izda l-prosekuzzjoni mhux talli ma taghmel l-ebda accenn minn dan izda sahansitra ssostni li l-*call number* kien fl-akkwati tas-serqa. Il-provi, kif gja` ntqal, jhallu dubbji serji fir-rigward.

5. Daqstant iehor il-Qorti tista' biss tispekula li s-serqa fuq McSims twettqet mill-imputati.

(i). Mallia jsemmi li l-impronti li sab fil-vettura kienu maghmula minn marki tas-suf jew tad-drapp.[111] Johnson xehed li l-aggressur tieghu, li kien tat-tul u statura tal-imputat Wayne Delia kien liebes ingwanti.

(ii). Ma hemmx dubbju, tenut kont tal-provi xjentifici li flixkun li kien fil-pussess ta' Delia sab ruhu fil-vettura li kienet qed tinstaq minn Caruana w

[107] Fol.301
[108] Fol.310
[109] Fol.466
[110] Fol.55
[111] Fol.513

ghalhekk daqstant iehor il-Qorti tista tasal biex tikkonkludi li f'xi hin Delia rikeb f'dik il-vettura. Izda x'hin kien fil-vettura?

Mir-rapport tal-Ispettur Fleri li ntalab jesebixxi mid-difiza jirrizulta li l-vettura ngabret nhar l-14 ta' Jannar, 2014[112], jumejn wara is-serqa minn McSims. Dan ifisser li dak il-flixkun seta' spicca f'dik il-vettura kemm minn qabel is-serqa kif ukoll sa 48 siegha wara, sal-hin li giet elevata mill-pulizija.

Kien ikun ferm differenti kieku d-DNA profile tieghu nstab fil-hanut misruq jew aktar qrib l-akkadut! Dak li jigi pruvat, permezz ta' din ir-rizultanza wahedha, hu li Delia f'xi hin kien rikeb fil-vettura li giet identifikata minn Johnson. Izda kemm jista' jinghad b'dik ic-certezza morali rikjesta, li kien hu li wettaq is-serqa bi vjolenza fuq McSims?

6. Iktar minn hekk, il-prosekuzzjoni ssejjes il-kaz taghha mal-fatt li s-serqa fuq McSims sehhet fid-9.30pm u ghalhekk galadarba il-*localization data* wriet li l-imputat Caruana kien il-Hamrun fil-**21:13**, dan kellu zmien altru` bizzejjed biex jasal Rahal il-Gdid fi kwarta.

(i). Madanakollu Johnson isemmi li kienu xi 9.15pm meta lemah il-vettura ghall-ewwel darba:*"Ghall-habta tad-9.15 ghaddiet karozza Toyota, waqfet quddiem il-hanut u baqghet sejra. Imbghad ftit hin wara nnutajt din il-karozza terga tieqaf quddiem il-hanut bil-mod.......".*[113]

Il-*localization data* turi li fit-21:05 dak il-*call number* inqabad f'B'kara (21:05),[114] Santa Venera fil-21:11[115] u l-Hamrun fil-21:13.[116]

Ghaldaqstant difficilment li sad-9.15pm, dan seta' wasal Rahal il-Gdid, anke jekk ma jkun sab l-ebda traffiku.

(ii). Ghandu f'dan l-isfond jigi sottolinejat li l-espert Quentin Tanti jikkonkludi li ra l-vettura Toyota Ist, tghaddi minn quddiem il-*camera* ta' dik li tirrizulta hi *showroom* tal-car dealer Malta Car Trader fil-hin tal-**21:16hrs**. Hu hawn fejn jinholoq dubbju kemm dik il-vettura kienet qed tinstaq mill-imputat Caruana.

Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li dan l-istabbiliment hu kemm xejn il-boghod tal-hanut McSims u fuq in-naha opposta tat-triq. Aktar l-isfel minnu jinsab

[112] Fol.700
[113] Fol.47
[114] Fol.291
[115] Fol.288
[116] Fol. 305-306

Seguna Woodworks li jidher bhala fejn hemm *cell tower* li jaqbad lil Caruana f'hinijiet u granet varji fil-*localization data* esebita.

Izda dak li hu ta' rilevanza u jiskaguna lil Caruana hu dak li jikkonstata l-espert Bajada dwar il-hinijiet tal-*footage* esebit, *footage* li minn fuqu l-abbli espert Tanti jiddentifika l-vettura Toyota Ist. Fil-fatt Dr. Martin Bajada jindika li l-hin li jidher fuq il-*footage* ghandu jigi *offset* mar-*real time* billi jitnaqqsu 8 minuti.[117] Ghalhekk waqt li l-footage jindika 21:16 hrs **il-hin rejali kien dak ta' 21:08**, hin li l-*call number* ta' Caruana jidher li kien fl-akkwati ta' B'Kara/Santa Venera. Dan jassumi rilevanza akbar meta jigi kkunsidrat li, l-hinijiet ta' 21:05:46 u 21:13:13 indikati fil-*localization data,* huma hinijiet mhux ta' telefonati izda hinijiet li fihom il-*call number* rcieva sms, li tinnecessita azzjoni istantaneja b'differenza ta' telefonata fejn ma jistax jigi eskluz li waqt li l-utent ikun f'lokalita` partikolari meta jircevi telefonata, meta dik it-telefonata tintemm ikun wasal f'lokalita` ohra.

7. Fl-ahhar nett, minn imkien ma jirrizulta li l-vittma Keith Johnson lemah l-aggressur hiereg mill-vettura w lanqas issemmi li f'xi hin rah f'dik il-vettura: *"..... l-vettura meta waqfet qabel naf li kien hemm zewg persuni fiha u meta giet lura kien hemm persuna wahda, bdiet gejja mill-genb u jien ma lhaqtx rajtha kollha, rajtha nofsha[118]...... fil-vettura kien hemm persuna ohra, kienet qed tinstaq minn persuna ohra..... il-persuna gie bil-pass. ma rajtux hiereg minn gol-karozza".*[119]

8. Johnson semma' li l-aggressur tieghu kien liebes ingwanti, izda ma jirrizultax li nstabu xi ngwanti minn tfittixijiet li setghu saru kif lanqas baqghet ma nstabet il-pistola.

Ghalhekk, maghdud dan kollu, fuq skorta tat-taghlim gurisprudenzjali enuncjat aktar il-fuq, il-provi indizzjarji mehuda fl-assjem taghhom huma nieqsa mill-univocita` rikjesta sabiex jigi determinat li kienu l-imputati u l-imputati biss li wettqu s-serqiet addebitati lilhom rispettivament.

Ghaldaqstant abbazi tal-motivi hawn fuq migjuba, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati minn kwalunkwe htija u piena mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[117] **Dok. MB1** a fol.372
[118] Fol.48
[119] Fol.49